**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Mejju 2022**

Rikors Numru: 613/21 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 1378/2017)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi hija zzewget lill-intimat C D fis-sbghatax ta' April tas-sena elfejn u sbghatax (17.04.2017) fir-Registru taz-Zwiegijiet gewwa l-Belt Valletta u z-zwieg ta' dina l-koppja gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv elf tlett mija tmienja u sebghin tas-sena elfejn u sbghatax (1378/2017) (Certifikat taz-zwieg anness Dok A).

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri fis-sebgha ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghoxrin (07.12.2020) - (Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni- Dok B).

3. Illi l-partijiet ma kellhom l-ebda ulied minn dan iz-zwieg;

4. Illi ghaddew aktar minn sena mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal partijiet.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. tiddikjara li z-zwieg taghha ma' C D hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi;

2. tiddikjara li l-kunjom tar-rikorrenti jirreverti ghal dak taghha ta' xebba u cioe' Laoboonma; u

3. jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u l-bdil fil kunjom biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Jannar 2022;

Rat in-nota tal-intimat li permezz taghha ddikjara li mhux qed jopponi ghat-talbiet tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' Dicembru 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti talbet sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe` "Laoboonma", il-Qorti tilqa' t-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.